2024/2113

5.8.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2113

tas-26 ta' Lulju 2024

li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(2) Fil-25 ta' Jannar 2024, l-Unjoni kkundannat bl-aktar mod qawwi possibbli l-mewġa ta' repressjoni kontra eks priġunieri politiċi li fadal fil-Belarussja, kif ukoll qraba ta' priġunieri politiċi. L-Unjoni ddikjarat li tinsab f'solidarjetà mal-poplu tal-Belarussja u ser tkompli tappoġġah fi triqtu lejn pajjiż indipendenti u demokratiku.

(3) Fis-26 ta' Frar 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni wara li saru l-elezzjonijiet parlamentari u lokali fil-Belarussja. Ir-Rappreżentant Għoli kkundanna l-livell bla preċedent ta' repressjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni politika u fuq l-aċċess għall-media indipendenti, u ssottolinja li l-uffiċjali parlamentari u lokali eletti fil-Belarussja huma nieqsa mil-leġittimità demokratika peress li l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti ma kinux ġew issodisfati.

(4) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, jenħtieġ li jiġu inklużi 28 individwu fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

([1]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"234.	Andrii Valeriovich ANANENKO Andrei Valerievich ANANENKO	Андрій Валерійович АНАНЕНКО Андрей Валерьевич АНАНЕНКО	Kap tal-Main Department for Combating Organised Crime and Corruption (GUBOPiK) of the Ministry of Internal Affairs Data tat-twelid: 13.10.1977 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrii Ananenko huwa l-kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPiK) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni. GUBOPiK huwa wieħed mill-korpi ewlenin responsabbli għall-persekuzzjoni politika fil-Belarussja, inkluż l-arresti arbitrarji u illegali u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' attivisti u membri tas-soċjetà ċivili. GUBOPiK ippubblika filmati ta' konfessjonijiet furzati minn attivisti u ċittadini ordinarji Belarussi, filwaqt li esponihom għall-pubbliku ġenerali Belarussu u użahom bħala għodda għal pressjoni politika. Fil-pożizzjoni tiegħu, Andrii Ananenko huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Barra minn hekk, qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024
235.	Mikhail Piatrovich BYADUNKEVICH Mikhail Petrovitch BEDUNKEVICH	Міхаіл Пятровіч БЯДУНКЕВІЧ Михаил Петрович БЕДУНКЕВИЧ	Viċi kap tal-Main Department for Combating Organised Crime and Corruption (GUBOPiK) of the Ministry of Internal Affairs; u kap tat-tielet dipartiment ta' GUBOPiK, responsabbli għall-ġlieda kontra l-'estremiżmu' Data tat-twelid: 8.10.1977 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Mikhail Byadunkevich huwa l-viċi kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPiK) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u l-kap tat-tielet dipartiment ta' GUBOPIK, li huwa responsabbli għall-ġlieda kontra l-estremiżmu. GUBOPiK huwa wieħed mill-korpi ewlenin responsabbli għall-persekuzzjoni politika fil-Belarussja, inkluż l-arresti arbitrarji u illegali u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' attivisti u membri tas-soċjetà ċivili. GUBOPiK ippubblika filmati ta' konfessjonijiet furzati minn attivisti u ċittadini ordinarji Belarussi, filwaqt li esponihom għall-pubbliku ġenerali Belarussu u użahom bħala għodda għal pressjoni politika. Fil-pożizzjoni tiegħu, Mikhail Byadunkevich huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Barra minn hekk, qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
236.	Zmitser Aliaksandrovich KOVACH Dimitri Aleksandrovich KOVACH	Зміцер Аляксандравіч КОВАЧ Дмитрий Александрович КОВАЧ	Viċi kap tal-Main Department for Combating Organised Crime and Corruption (GUBOPiK) of the Ministry of Internal Affairs Data tat-twelid: 14.1.1979 Post tat-twelid: Elisovo (oblast of Mogilev) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Zmitser Kovach huwa l-Viċi Kap tad-dipartiment ewlieni għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPiK) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni. GUBOPiK huwa wieħed mill-korpi ewlenin responsabbli għal persekuzzjoni politika fil-Belarussja, inkluż arresti arbitrarji u illegali u trattament ħażin, inkluż tortura, ta' attivisti u membri tas-soċjetà ċivili. GUBOPiK ippubblika filmati ta' konfessjonijiet furzati minn attivisti u ċittadini ordinarji Belarussi, filwaqt li esponihom għall-pubbliku ġenerali Belarussu u użahom bħala għodda għal pressjoni politika. Fil-pożizzjoni tiegħu, Zmitser Kovach huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Barra minn hekk, qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024
237.	Mikhail KAVALIOU Mikhail KOVALEV	Міхаіл КАВАЛЁЎ Михаил КАВАЛЁВ	Viċi kap tad-Department of State Prosecution of the Office for Supervision of Compliance with the Law of Court Decisions in Criminal Cases, Prosecutor General's Office Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala viċi kap tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni tal-Istat tal-Uffiċċju għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, Mikhail Kavaliou huwa responsabbli għal bosta kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni politika Belarussa. B'mod partikolari, huwa involut fil-prosekuzzjoni politikament motivata ta' Svetlana Tsikhanouskaya, Pavel Latushko, Olga Kovalkova, Maria Moroz u Sergei Dilevsky, kollha kemm huma membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, korp tal-oppożizzjoni Belarussu, kif ukoll fil-kawża ta' 'konfoffa biex jinħataf il-poter' kontra Yuri Ziankovich, Alexander Fyaduta, Ryhor Kastusyov, Olga Halubovych u Dzianis Kravchuk. Għalhekk, Mikhail Kavaliou huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
238.	Viktar Aliaksandravich DUBROUKA Viktor Alexandrovich DUBROVKA	Віктар Аляксандравіч ДУБРОЎКА Виктор Александрович ДУБРОВКА	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No.11; kurunell tas-servizz intern Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 19.6.1978 Post tat-twelid: Makhnachi, Slonim District, Grodno Region Sess: raġel ID Personali: 3190678K013PB2	Viktar Dubrouka huwa l-kap tal-istituzzjoni korrettiva Kolonja Penali Nru 11, fejn Siarhei Ramanau qed jiskonta sentenza ta' 20 sena u 11-il xahar u Vadzim Bobyrau qed iservi sentenza ta' 11-il sena. Ramanau u Bobyrau it-tnejn tqiegħdu fiċ-ċella tal-kastig diversi drabi. Viktar Dubrouka huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.	5.8.2024
239.	Pavel Ivanavich KAZAKOU Pavel Ivanovich KAZAKOV	Павел Іванавіч КАЗАКОЎ Павел Иванович КАЗАКОВ	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Prison No. 1, Grodno; kurunell tas-servizz intern Data tat-twelid: 11.6.1977 Post tat-twelid: Russ, Volkavysk District, Grodno Region Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID Personali: 3110677K031PB5	Pavel Kazakou huwa l-kap tal-istituzzjoni korrettiva Ħabs Nru 1 fi Grodno, fejn il-priġunier politiku Ales Pushkin u l-artist Ruslan Karchauli mietu minħabba li ma rċevewx kura medika xierqa. Priġunieri oħra detenuti f'dik l-istituzzjoni xehdu dwar il-kundizzjonijiet inumani. Pavel Kazakou huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
240.	Dzianis Anatolievich TAUSTSIANKOU Denis Anatolievich TOLSTENKOV	Дзяніс Анатольевіч ТАЎСЦЯНКОЎ Денис Анатольевич ТОЛСТЕНКОВ	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No.4; logutenent kurunell tas-servizz intern Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 17.8.1977 Post tat-twelid: Orsha, Vitebsk Region Sess: raġel ID Personali: 3170877M000PB9	Dzianis Taustsiankou huwa l-kap tal-istituzzjoni korrettiva Kolonja Penali Nru 4, fejn Polina Sharendo-Panasyuk, attivista soċjali, tinsab il-ħabs. Ir-raġel ta' Sharendo, Andrei Sharendo, tkellem dwar il-kundizzjonijiet inumani u t-tortura li martu ilha tiffaċċa f'dik il-kolonja. Dzianis Taustsiankou huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.	5.8.2024
241.	Vasil Vasilevich KOLEDA Vasily Vasilyevich KOLEDA	Васіль Васільевіч КОЛЕДА Василий Васильевич КОЛЕДА	Viċi kap ta' 'Prison No. 1' fi Grodno; logutenent kurunell tas-servizz intern Sess: raġel	Vasil Koleda huwa l-viċi kap tal-'Ħabs Nru 1' fi Grodno, fejn mietu l-priġunier politiku Ales Pushkin u l-artist Ruslan Karchauli minħabba li ma rċevewx kura medika xierqa. Priġunieri oħra detenuti f'dik l-istituzzjoni xehdu dwar il-kundizzjonijiet inumani. Vasil Koleda huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.	5.8.2024
242.	Andrei Mikhailovich TSEDRYK Andrey Mikhailovich TSEDRIK	Андрэй Міхайлавіч ЦЭДРЫК Андрей Михайлович ЦЕДРИК	Kap tal-Pre-trial Detention Centre No. 1; kurunell tas-servizz intern Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 20.4.1978 Post tat-twelid: Minsk Sess: raġel ID Personali: 3200478A058PB3	Andrei Tsedryk huwa l-Kap taċ-Ċentru ta' Arrest Preventiv Nru 1 f'Minsk, magħruf ukoll bħala 'Voldarka'. Ħafna priġunieri politiċi, inkluż Ales Pushkin, għaddew minn dak iċ-Ċentru,, u xehdu li l-kundizzjonijiet fiċ-ċentru huma inumani. Ales Bialiatski qed jinżamm f'kustodja hemmhekk. Iċ-ċentru lanqas ma għandu sptar xieraq. Andrei Tsedryk huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
243.	Iryna Barisauna AKULOVICH Irina Borisovna AKULOVICH	Ірына Барысаўна АКУЛОВІЧ Ирина Борисовна АКУЛОВИЧ	Direttur ġenerali tar-republican unitary enterprise Belarusian Telegraph Agency (BelTA) Data tat-twelid: 24.10.1974 Post tat-twelid: Mogilev, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Iryna Akulovich ilha tappoġġa lil Aliaksandr Lukashenka għal żmien twil. Fl-2018, inħatret minnu bħala direttur ġenerali tal-akbar aġenzija tal-aħbarijiet tal-Istat, Belarusian Telegraph Agency (BelTA), u għad għandha din il-pożizzjoni. BelTa, permezz tal-pubblikazzjonijiet u l-attivitajiet tagħha, bħal wirjiet ta' ritratti u avvenimenti pubbliċi, tippromwovi b'mod estensiv lil Lukashenka u r-reġim tiegħu. Fl-istqarrijiet u l-attivitajiet pubbliċi tagħha, Iryna Akulovich uriet appoġġ għal Lukashenka u n-narrattivi tiegħu dwar l-oppożizzjoni demokratika. Bħala kap ta' BelTA, hija tistabbilixxi t-ton u d-direzzjoni tal-aġenzija tal-aħbarijiet u tqis il-mezz tax-xandir bħala għodda biex tippreserva r-reġim attwali tal-pajjiż. Hija għalhekk qed tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024
244.	Mikita Sviatoslavovich RACHYLOUSKI Nikita Sviatoslavovich RACHILOVSKYI	Мікіта Святаслававіч РАЧЫЛОЎСКІ Никита Святославович РАЧИЛОВСКИЙ	Preżentatur tal-programm televiżiv 'Senate' fuq l-istazzjon STV (CTB); president tal-Kunsill taż-Żgħażagħ (Parlament taż-Żgħażagħ fl-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja); membru tal-kummissjoni tal-Kamra taż-Żgħażagħ dwar it-turiżmu u l-ambjent fl-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni dwar l-Istat tal-Belarussja u r-Russja; president tal-alleanza ċivika taż-żgħażagħ Moving Forward Data tat-twelid: 28.7.1997 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Mikita Rachylouski jokkupa pożizzjonijiet għoljin fl-istituzzjoni tal-gvern Kunsill taż-Żgħażagħ, GONGO Moving Forward u l-mezzi tax-xandir (il-programm televiżiv 'Senate'). Bl-użu ta' dawn il-pożizzjonijiet, Mykyta Rachylouski ddenunzja ċittadini Belarussi talli kkritikaw lill-gvern, ipparteċipaw fi protesti fl-2020 u talli kellhom fehmiet opposti. Huwa esprima ruħu b'mod speċjali biex jipprova jikkastiga u jippersekuta lill-blogger Kokobay, kif ukoll lill-grupp mużikali Drozdy u oħrajn. L-istqarrijiet tiegħu jinċitaw il-persekuzzjoni u jippromwovu l-mibegħda lejn il-kritiċi tar-reġim. Matul waħda mill-għadd kbir ta' dehriet televiżivi tiegħu, huwa kien favur li jitneħħa l-persunal tal-fakultà tal-istorja fl-universitajiet Belarussi. Diversi drabi, hu esprima wkoll appoġġ għall-gvern Belarussu u għal Aliaksandr Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
245.	Dzmitry Aliaksandrovich ZHUK Dmitrii Aleksandrovich ZHUK	Дзмітрый Аляксандравіч ЖУК Дмитрий Александрович ЖУК	Direttur u kap editur ta' Belarus Today publishing house Data tat-twelid: 7.7.1970 Post tat-twelid: Letkaushchyna, Minsk region Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID Personali: 3070770A081PB7	Dzmitry Zhuk ilu jappoġġa lil Aliaksandr Lukashenka u lir-reġim tiegħu. Qabel kien il-kap tas-servizz tal-istampa ta' Lukashenka, u direttur ġenerali tal-akbar aġenzija tal-aħbarijiet tal-Istat, Belarusian Telegraph Agency (BelTA) għal żmien twil. Mill-2018 'l hawn, huwa kien id-direttur u kap editur tad-dar tal-pubblikazzjoni Belarus Today. F'din il-pożizzjoni, Dzmitry Zhuk ipprovda volontarjament lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-repressjoni imwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat, xerred diżinformazzjoni prodotta kemm mill-awtoritajiet Belarussi kif ukoll Russi u ppromwova l-mibegħda lejn l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. Huwa direttament responsabbli għall-mod kif Belarus Today tippreżenta informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk tagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024
246.	Viachaslau Ivanavich TULEYKA Vyacheslav Ivanovich TULEYKO	Вячаслаў Іванавіч ТУЛЕЙКА Вячеслав Иванович ТУЛЕЙКО	Imħallef tal-Minsk Regional Court Data tat-twelid: 27.7.1977 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Bħala mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk, Viachaslau Tuleyka rrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'għadd ta' proċessi politikament motivati u huwa responsabbli għas-sentenzi twal kontra bosta ħaddiema tal-mezzi tax-xandir: Iryna Leushyna (BelaPAN), Dzmitry Navazhylau (Bela PAN), Andrey Alyaksandrau (BelaPAN), Iryna Zlobina (Bela PAN), Stepan Putilo (Nexta), Yan Rudik (Nexta) u Roman Pratasevich (Nexta). Huwa kkundanna wkoll lil ċittadin Belarussu talli ppubblika kummenti antigovernattivi fuq il-mezzi soċjali. Dawk is-sentenzi huma parti minn ċaħda u kastig sistematiċi għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni min-naħa tal-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk, Viachaslau Tuleyka huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
247.	Alena Mikalayeuna ANANICH Elena Nikoayevna ANANICH	Алена Мікалаеўна АНАНІЧ Елена Николаевна АНАНИЧ	Imħallef tal-Minsk City Court Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Alena Ananich hija mħallef Belarussu li ilha sservi fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk sa mill-2015, li kienet maħtura minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi, inkluż b'sentenzi ta' ħabs partikolarment twal: Yauhen Yushkevich – 11-il sena; Vital Brahiniets (avukat tar-rebbieħ tal-Premju Nobel għall-paċi Alies Bialatski) – tmien snin; Viachaslau Kandyba – seba' snin; u Siarhiei Nikitsin – sitt snin. Ikkundannat ukoll in absentia lil attivist tal-oppożizzjoni barra mill-pajjiż, Stanislau Lupanosau, eks uffiċjal tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPik) tal-Miinisteru għall-Affarijiet Interni, għal 18-il sena ħabs. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
248.	Anatoliy Ryhoravich SOTNIKAU Anatoliy Grigorievich SOTNIKOV	Анатолій Рыгоравіч СОТНІКАЎ Анатолий Григорьевич СОТНИКОВ	Imħallef tal-Homel Regional Court Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Anatoliy Sotnikau huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Reġjonali ta' Homel sa mill-2019, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li leħħnu l-fehmiet tagħhom kontra l-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
249.	Andrey Viktaravich MLECHKA Andrei Viktorovich MLECHKO	Андрэй Віктаравіч МЛЕЧКА Андрей Викторович МЛЕЧКО	Imħallef tal-Frunze District Court of the City of Minsk Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrey Mlechka huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Distrettwali ta' Frunze tal-Belt ta' Minsk sa mill-2021, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi b'motivazzjoni politika għolja kontra ċittadini li jesprimu b'mod paċifiku opinjonijiet kritiċi dwar l-awtoritajiet fit-toroq u fuq l-Internet. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
250.	Ihar Aliaksandravich SHVEDAU Igor Alexandrovich SHVEDOV	Ігар Аляксандравіч ШВЕДАЎ Игорь Александрович ШВЕДОВ	Imħallef tal-Mahiliou Regional Court Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Ihar Shvedau huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Reġjonali ta' Mahiliou sa mill-2020, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra avversarji tar-reġim ta' Lukashenka, inkluż kontra l-ġurnalist Andrei Kuznechyk (sitt snin ħabs), il-priġunier politiku Anton Shybut (ħames snin) u oħrajn li kkritikaw lill-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
251.	Iryna Vladimirovna PADKAVYRAVA Irina Vladimirovna PODKOVYROVA	Ірына Уладзіміраўна ПАДКАВЫРАВА Ирина Владимировна ПОДКОВЫРОВА	Prosekutur Data tat-twelid: 22.9.1972 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Iryna Padkavyrava hija prosekutur. Hija ilha assoċjata mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni mill-inqas l-2009, meta serviet bħala prosekutur għoli fir-reġjun ta' Gomel. Fl-2022, hija aġixxiet bħala prosekutur fil-proċess ta' ġurnalist indipendenti affiljat ma' TVP u Belsat TV. Dak iż-żmien, talbet sentenza ta' erba' snin ħabs għall-ġurnalist. Ħadet sehem ukoll fil-kunsiderazzjoni ta' appelli kontra sentenzi mogħtija għal interventi fuq il-mezzi soċjali Belarussi li kienu jikkritikaw il-gvern u l-uffiċjali tiegħu. Bħala prosekutur, hija appoġġat il-penali, filwaqt li kkunsidrathom adegwati u ġusti. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
252.	Tatsiana Viktarauna SHOTSIK Tatiana Viktorovna SHOTIK	Таццяна Віктараўна ШОЦІК Татьяна Викторовна ШОТИК	Imħallef fil-qorti ta' Leninsky district f'Minsk Data tat-twelid: 21.1.1992 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara ID Personali: 4210192A027PB8	Tatsiana Shotsik hija mħallef li ilha sservi fil-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Minsk sa mill-2021, li kienet maħtura minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Igor Lednik, priġunier politiku, li ġie kkundannat minn Shotsik għal tliet snin ħabs, miet fl-20 ta' Frar 2024. Għalhekk Tatsiana Shotsik hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
253.	Vasil Uladzimiravich SKOK Vasily Vladimirovich SKOK	Васіль Уладзіміравіч СКОК Василий Владимирович СКОК	Imħallef fi Grodno Regional Court Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 17.11.1959 Sess: raġel ID Personali: 3171159K025PB0	Vasil Skok huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Reġjonali ta' Grodno sa mill-2003, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President, ir-reġim u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Huwa kkundanna lil Andrey Sachevko għal sitt snin f'kolonja penali ta' sigurtà għolja. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
254.	Stanislau Uladzimiravich IVANIUTSENKA Stanislav Vladimirovich IVANYUTENKO	Станіслаў Уладзіміравіч ІВАНЮЦЕНКА Станислав Владимирович ИВАНЮТЕНКО	Imħallef tal-qorti ta' Rechitsa district ta' Gomel region Data tat-twelid: 29.7.1982 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID Personali: 3290782H007PB3	Stanislau Ivaniutsenka huwa mħallef li ilu jservi fil-qorti tad-distrett ta' Rechitsa tar-reġjun ta' Gomel sa mill-2019, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Huwa ddeċieda dwar il-każ ta' Polina Sharendo, attivista soċjali mill-Belarussja, li ġiet detenuta f'Jannar 2021. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
255.	Aliaksey Anatolevich KHLYSZCZANKAU Alexey Anatolievich KHLYSHCHENKOV	Аляксей Анатольевіч ХЛЫШЧАНКАЎ Алексей Анатольевич ХЛЫЩЕНКОВ	Imħallef f'Gomel Regional Court Data tat-twelid: 27.8.1982 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID Personali: 3270882H007PB4	Aliaksey Klyshchankau huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel sa mill-2019, maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Huwa kkundanna lil Yuri Vlasov, persuna ta' fiduċja tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tikhanovskaya, għal sitt snin u nofs f'kolonja penali ta' sigurtà massima. Għalhekk Aliaksey Klyshchankau huwa responsabbli talli dgħajjef serjament l-istat tad-dritt u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
256.	Ihar Fiodaravich ZIAMTSAU Igor Fedorovich ZEMTSOV	Ігар Фёдаравіч ЗЯМЦОЎ Игорь Федорович ЗЕМЦОВ	Imħallef f'Mogilev Regional Court Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 20.3.1975 Sess: raġel ID Personali: 3200375M061PB1	Ihar Ziamtsau huwa mħallef li ilu jservi fil-Qorti Reġjonali ta' Mogilev sa mill-2017, li kien maħtur minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi politikament motivati kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għalhekk huwa responsabbli talli dgħajjef serjament l-istat tad-dritt u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	5.8.2024
257.	Aliaksei Iurievich KRIAKVIN Alexey Yurevich KRIAKVIN	Аляксей Юр'евіч КРАКВІН Алексей Юрьевич КРЯКВИН	Propagandist fuq l-istazzjon televiżiv All-National Television (ONT) Data tat-twelid: 9.11.1984 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aliaksei Kriakvin huwa propagandist għall-istazzjon televiżiv statali ONT TV u huwa involut fil-produzzjoni ta' materjal ta' propaganda b'appoġġ għar-reġim ta' Lukashenka. B'mod partikolari, huwa kien involut direttament fil-ħidma fuq l-'investigazzjoni speċjali' tal-ONT dwar il-każ kriminali ta' Viktor Babariko, li fih ġiet żvelata data mill-investigazzjoni preliminari. Jidher fi programmi televiżivi, fejn jikkritika regolarment l-azzjonijiet tal-avversarji tar-reġim ta' Lukashenko u jitkellem dwar l-involviment tal-Punent fit-taqlib popolari fil-Belarussja. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
258.	Viktar Arkadzievich SHAUTSOU Viktor Arkadievich SHEVTSOV	Віктар Аркадзьевіч ШАЎЦОЎ Виктор Аркадьевич ШВЕЦОВ	Negozjant, investitur Data tat-twelid: 5.12.1963 Post tat-twelid: Razumava village, Vitebsk region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-Passaport: MP4572331, maħruġ fit-12 ta' Frar 2021 ID Personali: 3051263A036PB7	Viktar Shautsou huwa negozjant li jopera fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fl-olografija. Huwa l-unika azzjonist ta' Tekhnokhimtrade. JSC Holography Industry tappartjeni b'mod konġunt, fost oħrajn, lil Tekhnokhimtrade u żewġ entitajiet tal-Istat. Viktar Shautsou huwa l-benefiċjarju ta' monopolju maħluq artifiċjalment mill-Istat billi, minn Marzu 2011, JSC Holography Industry saret l-unika kumpanija Belarussa li għandha liċenzja mill-Ministeru għall-Finanzi tal-Belarussja biex tipproduċi ologrammi u kristallogrammi siguri għall-forom u d-dokumenti ta' sigurtà. Il-Kunsill tal-Ministri tal-Belarussja ħareġ rekwiżit biex jitwaħħlu stickers olografiċi fuq firxa wiesgħa ta' oġġetti, cash registers u slot machines. Dawk l-istickers olografiċi tipproduċihom JSC Holography Industry biss. Għalhekk, Viktar Shautsou qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024
259.	Volha Anatoleuna DUBOVIK Olga Anatolievna DUBOVIK	Вольга Анатольеўна ДУБОВІК Ольга Анатольевна ДУБОВИК	Imħallef tal-qorti tal-Maladzechna district ta' Minsk region Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 26.8.1978 Sess: mara ID Personali: 4260878B038PB7	Volha Dubovik hija mħallef Belarussa li għandha rwol fil-qorti tad-distrett ta' Maladzechna tar-reġjun ta' Minsk. Inħatret minn Aliaksandr Lukashenka fl-2020. Ħarġet sentenzi motivati politikament, inkluż kontra ċittadini tal-Belarussja li pprotestaw kontra l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti tal-2020. Ikkundannat ukoll lil ċittadin talli aġixxa b'awtodifiża kontra l-brutalità tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Għalhekk hija responsabbli kemm għall-fatt li dgħajfet serjament l-istat tad-dritt kif ukoll għar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
260.	Anton Genadzevich DUDAL Anton Gennadievich DUDAL	Антон Генадзевіч ДУДАЛЬ Антон Геннадьевич ДУДАЛЬ	Imħallef tal-qorti tal-Bobruisk region u l-belt ta' Bobruisk Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 11.8.1986 Sess: Raġel ID Personali: 3110886M079PB3	Anton Dudal huwa mħallef li għandu rwol fil-qorti tad-distrett ta' Bobruisk u fil-belt ta' Bobruisk. Inħatar minn Aliaksandr Lukashenka fl-2019. Ħareġ sentenzi motivati politikament, inkluż kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President. Ikkundanna lil ċittadin talli aġixxa b'awtodifiża kontra l-brutalità tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Ittrasferixxa lil Andrey Sachevko lejn ħabs f'Mahiliou. Għalhekk Anton Dudal huwa responsabbli għar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	5.8.2024
261.	Mikalai Vasilievich SIARHEEVICH Nikolai Vasilievich SERGEEVICH	Мікалай Васільевіч СЯРГЕЕВІЧ Николай Васильевич СЕРГЕЕВИЧ	Imħallef ta' Zhlobinsky District Court ta' Gomel Region Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 22.8.1983 Sess: raġel ID Personali: 3220883H026PB7	Mikalai Siarheevich huwa mħallef Belarussu li għandu rwol fil-Qorti Distrettwali ta' Zhlobinsky tar-Reġjun ta' Gomel. Inħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Ħareġ sentenzi motivati politikament kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-elezzjoni presidenzjali frodulenti tal-2020, inkluż dawk li pparteċipaw fil-protesti ta' Zhlobin. Għalhekk Mikalai Siarheevich huwa responsabbli għar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	5.8.2024"